# IL-PROGRAMM TAL-METALINGWA

# GĦALL-MALTI BĦALA LINGWA BARRANIJA

## IT-TMIEN SENA - ROTTA 3

Ġunju 2021

| Il-Programm tal-Metalingwa għall-Malti bħala Lingwa Barranija<br>It-Tmien Sena | | | |
|---|---|---|---|
| | **Rotta 1** | **Rotta 2** | **Rotta 3** |
| 1. | **L-Ittri tal-alfabett Malti** - (Ittri kbar u ittri żgħar) | Reviżjoni jekk tinħass il-ħtieġa | Reviżjoni jekk tinħass il-ħtieġa<br>***Il-ħoss tal-h u l-għ fi tmiem il-kelma***<br>*Eż: qlugħ, fih.* |
| 2. | **L-Artiklu l- u il-**<br>*Il-kelb, l-ors, l-għasfur, morna l-baħar.* | Reviżjoni fil-qosor ta' numru 2 billi jibdew isiru u jittieħdu minn kuntest. | Reviżjoni fil-qosor ta' numru 2 billi jkomplu jsiru u jittieħdu minn kuntest. |
| 3. | **L-Artiklu quddiem kliem li jibda b'ittri xemxin.** (ix-, x-, in- eċċ.)<br>*Eż: ix-xita, nieżla x-xita!* | Reviżjoni fil-qosor ta' numru 3 billi jibdew isiru u jittieħdu minn kuntest. | Reviżjoni fil-qosor ta' numru 3 billi jkomplu jsiru u jittieħdu minn kuntest. |
| 4. | **Kliem li fil-Malti ma jiħux artiklu** bħal Nomi Proprji jew xi nomi bi pronom mehmuż li jintużaw frekwentament<br>*Eż: Malta, ommi.* | Reviżjoni fil-qosor ta' numru 4 billi jiġu nnutati f'kuntest. | Reviżjoni fil-qosor ta' numru 4 billi jiġu nnutati fil-kuntest tat-temi mgħallma. |
| 5. | **Il-Partiċelli bi, fi, xi, ma', ta', sa, lil.** | Reviżjoni fil-qosor ta' numru 5 billi jiġu nnutati f'kuntest.<br>**Il-Partiċelli għal** u **bħal** | Reviżjoni tal-Partiċelli bi, fi, xi, ma', sa, lil, għal, bħal. |
| 6. | **Il-Partiċelli u meta jiġu quddiem kliem li jieħu l-artiklu.**<br>(kemm qamrin kif ukoll xemxin)<br>**Bi** bil-karozza għax ngħidu il-karozza<br>**Fi** fix-xemx għax ngħidu ix-xemx<br>**Sa** sal-belt għax ngħidu il-belt<br>**Lil** lill-qattus għax ngħidu l-qattus | **It-Tqassir tal-Partiċelli**<br>*Eż:* m'ommi, s'għandi | **Il-Partiċelli meta jiġu quddiem kliem li jieħu/ma jiħux artiklu jew jibda bl-ittra l.**<br>*Eż: lil, lil- lill-/għal , għal- għall-/bħal, bħal-, bħall-* |
| 7. | **Avverbji tal-Ħin, tal-Post u tal-Kwantità**<br>**ĦIN** - għada, imbagħad, illum, meta, ilbieraħ, xi drabi, X'ħin | Reviżjoni fil-qosor ta' numru 7 billi jiġu nnutati f'kuntest.<br>**Avverbji fin-Negattiv** - le, mhux, qatt, imkien, xejn. | Reviżjoni tan-numru 7 billi jiġu nnutati f'kuntest. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | hu?, pitgħada, kultant, filgħodu, kuljum, filgħaxija<br>**POST** - quddiem/wara, barra/ġewwa, hawn/hemm, fuq/isfel, fuq/taħt, ħdejn u maġenb, imkien/kullimkien<br>**KWANTITÀ** - ħafna/ftit, aktar u iżjed/inqas, kemm?, biżżejjed | **Avverbji ta' qbil** - iva, tajjeb, veru, tassew, kollox sew.<br>**Avverbji li juru direzzjonijiet** - lemin, xellug, dritt,'l hemm, 'l hawn | |
| 8. | **Konġunzjonijiet**<br>imbagħad, biex, meta , li, u , imma, jew | | |
| 9. | **Kliem li jgħinni nistaqsi**<br>Kemm? Fejn? Meta? Min? Għaliex? Kif? Liema? | | |
| 10. | **L-Aġġettiv fil-forma sempliċi tiegħu** (Pożittiv)<br>*Eż: ħafif, sabiħ , oħxon* | Reviżjoni fil-qosor ta' numru 10 billi jiġu nnutati f'kuntest.<br><br>**Il-Komparattiv u s-Superlattiv tal-Aġġettiv**<br>**L-Aġġetttivi tal-Post u d-Denomeni li jgħinu għall-komunikazzjoni**<br>*Eż: Mosti – Mostija- Mostin*<br>*Spanjol-Spanjola-Spanjoli*<br>*Malti—Maltija-Maltin* | **L-Aġġettiv fid-Diminuttiv**<br>*Eż: sabiħ/sbejjaħ*<br>**Sinonimi tad-Diminuttiv**<br>*Eż: antik - qadim*<br>**Il-Parteċipju Passiv meta jaqdi l-funzjoni ta' Aġġettiv**<br>*Eż: triq imserrpa (minn serp)*<br>*qmis imtebba' (minn tebgħa)*<br>**L-Aġġetttivi tal-post u d-Denomeni li jgħinu għall-komuikazzjoni**<br>*Eż: Mosti - Mostija - Mostin*<br>*Spanjol - Spanjola - Spanjoli*<br>*Malti - Maltija - Maltin* |
| 11. | **Il-Kuluri u l-Għadd u l-Ġens tagħhom.**<br>*Eż: abjad / bajda / bojod*<br>*isfar / safra / sofor* | | |
| 12. | **Il-Kuluri li ma jinbidlux skont l-Għadd u l-Ġens.**<br>*Eż: kannella, vjola, oranġjo* | | |
| 13. | **L-Għadd u l-Ġens ta' Aġġettivi komuni** | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | *Eż: twil/twila/twal*<br>*sabiħ/sabiħa/sbieħ*<br><br>**IMP: M'għandhiex issir referenza għall-istruttura jew terminoloġija ta' sħiħ jew miksur.** | | |
| 14. | **L-Għadd u l-Ġens ta' nomi li jorbtu mat-temi mgħallma fost oħrajn.**<br>*Eż:* L-annimali l-aktar komuni<br>Maskil/Femminil/Plural<br>*kelb/kelba/klieb*<br><br>Annimali oħra li fil-Malti ma jiddistingwux fil-ġens imma għandhom is-singular u l-plural<br>**Singular/Plural**<br>*Iljun/iljuni*<br>*tigra/tigri*<br>*kukkudrill/kukkudrilli*<br><br>*Eż:* Il-familja<br>*mara/raġel*<br>*tifel/tifla*<br>*omm/ommijiet*<br>*missier/missirijiet*<br>*neputi/neputija/neputijiet*<br>*ziju/zija/zijiet*<br>*nannu/ nanna/nanniet*<br>*ħu/oħt/aħwa*<br>*iben/bint/ulied* | Konsolidazzjoni billi jkomplu jinnutaw l-istrutturi tal-ġens fil-Malti u jsiru jafu xi **eċċezzjonijiet** bħal *Alla* u *qmis*. | Konsolidazzjoni billi jkomplu Jinnutaw l-istrutturi tal-Ġens u l-Għadd tan-Nom skont it-temi mgħallma.<br>**Sinonimi ta' nomi**<br>*ġurnal/ġurnali (Maskil) – gazzetta/gazzetti (Femminil)* |
| 15. | **L-Għadd tan-Nom** u l-qbil mal-Aġġettiv marbuta mat-temi mgħallma<br><br>***Eż: L-ikel*** (Kollettiv)<br>*laringa tajba - laring tajjeb*<br>*ħobża friska - ħobż frisk*<br>*frotta sustanzjuża - frott sustanzjuż* | Eż. **ix-xogħlijiet**: *tabib, tabiba tobba / bravu, brava, bravi.*<br><br>**L-Għadd Imtenni marbut mat-temi mgħallma**<br>*Eż: Partijiet tal-ġisem, żmien u ħin.* | Konsolidazzjoni tal-**Għadd tan-nom u l-qbil mal-Aġġettiv inkluż in-Nom Kollettiv u l-Aġġettiv**<br>*Eż: Sport intensiv*<br>*Logħob strutturat*<br><br>**L-Għadd Imtenni marbut mat-temi mgħallma** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | ***Eż: L-iskola***<br>*bank ġdid* *bankijiet ġodda*<br>*lapes twil* *lapsijiet twal*<br>*uniformi nadifa* *uniformijiet nodfa*<br>*klassi kbira* *klassijiet kbar*<br><br>**IMP: L-enfasi m'għandix tkun fuq l-istrutturi ta' kif jinbnew, imma mgħallma u meħuda minn kuntest. Jekk joħroġ pattern kif seħħ fl-eżempji t'hawn fuq dawn għandhom jiġu nnutati. Madanakollu dawn l-aspetti grammatikali m'għandhomx ikunu bbażati biss fuq il-kitba, imma għandhom jiġu msaħħa bl-użu ta' ħiliet oħra bħalma huma s-smigħ, it-taħdit u l-qari. Lanqas m'għandha ssir enfasi kbira fuq it-termini eż. Singular u Plural imma nużaw kliem bħal 'ħafna' u 'ftit'.** | | *Eż: Partijiet tal-ġisem, żmien, ħin u kliem ieħor bħal:*<br>*kelma - kelmtejn*<br>*biċċa - biċċtejn* |
| **16.** | **Il-Pronomi Personali**<br>jiena, inti, huwa, hija, aħna, intom , huma | **Pronomi personali kkonjugati fin-negattiv.**<br>*Eż: m'intix, mhuwiex, mhijiex, m'aħniex, m'intomx, mhumiex*<br><br>**Għandhom jiġu mgħallma b'mod interattiv u komunikattiv. Il-ħidma permezz ta' kitba u eżerċizzju għandha tinżamm b'mod limitat.** | Reviżjoni fil-qosor tal-Pronomi Personali.<br><br>Konsolidazzjoni tal-pronomi Personali kkonjugati fin-Negattiv.<br><br>**Il-Pronomi Personali f'sentenza kopulari**<br>*Eż: Jien tifla.*<br>*Hu bidwi.* |
| **17.** | **Il-Pronomi Dimostrattivi**<br>dan, din, dak, dawn, dawk | | |
| **18.** | **Pronomi Mehmużin ma' kliem li jgħinu għall-komunikazzjoni.**<br>*Eż: ommi , missieri, ħija, oħti, ħuti.* | **Pronomi Mehmużin ma' nomi li juru partijiet tal-ġisem.**<br>Eż. *Idi, idejja, għajni, għajnejja, sieqi saqajja, moħħi, rasi.* | Konsolidazzjoni ta' Pronomi mehmużin li jgħinu fil-komunikazzjoni skont it-temi mgħallma. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | *tiegħi, tiegħek, tiegħu, tagħha, tagħhom, tagħkom*<br>*għandi, għandek, għandu, għandha, għandna, għandkom ,għandhom* | **Pronomi Mehmużin ma' prepożizzjonijiet li saru qabel.**<br>*Eż: fi - fih, fiha, fihom.*<br>*ma' - magħha, miegħi, magħkom*<br>*fuq - fuqu, fuqha, fuqu* | **Is-Suffissi Pronominali bl-oġġett indirett.**<br>*Eż: ħadhieli, kisirhomlu*<br>***Il-ħoss tal-għ mal-h*** *Eż: refagħha (l-enfasi għandha ssir l-ewwel fuq il-mitħaddet u mbagħad jiġi mgħallem il-punt ortografiku)* |
| **19.** | **Verbi bażiċi fl-Imperattiv, l-Imperfett u l-Futur**<br>*Eż: aħsel aħslu*<br>*Jiena se naħsel snieni kuljum.*<br>*Inti se taħsel il-platti wara l-ikel.*<br>*Brian se jaħsel il-malja.*<br>*Marija se taħsel il-ħwejjeġ.*<br>*Aħna se naħslu l-art.*<br>*Intom se taħslu l-kelb.*<br>*Marija u Brian se jaħslu l-karozza.*<br><br>**IMP: L-ewwel m'għandu jiġi mgħallem huwa l-Imperattiv. Wara jiġi mgħallem l-Imperfett u fuqu jinbena l-futur. Għandu jiġi evitat li l-istudenti jiġi mgħallma l-użu tal-verbi b'ħafna ripetizzjoni u metodi li jagħmlu t-tagħlim wieħed mhux naturali. Kollox għandu jiġi mgħallem f'kuntest u permezz ta' opportunitajiet fejn l-istudenti jisimgħu u jipprattikaw permezz tat-taħdit qabel il-kitba.** | **Enfasi fuq il-verb għandi u qiegħed**<br>Distinzjoni bejn huwa u qiegħed. (huwa quddiem aġġettiv/ qiegħed quddiem verb)<br><br>**L-Imperattiv marbut mat-Tema Direzzjonijiet** - *Dur fuq il-lemin, ikser fuq ix-xellug, ibqa' sejjer dritt.*<br><br>**Il-Perfett ta' verbi sempliċi li għandhom jinkludu l-verb kellu u kien**<br><br>**In-Negattiv ta' verbi sempliċi**<br><br>**In-Negattiv bl-użu tal-kelma mhux** | **Konsolidazzjoni ta' verbi bażiċi fl-Imperattiv.**<br>L-Imperfett u l-Futur skont it-temi mgħallma.<br>Reviżjoni tal-verb 'għandi' u 'qiegħed'<br><br>**Il-Mamma tal-verb biex jgħin fit-tiftix fid-dizzjunarju.**<br>**IMP: Dan għandu jkun biss eżeċizzju għal skop ta' użu tad-dizzjunarju.**<br><br>**Żewġ Verbi fl-Imperfett li jgħinu għall-komunikazzjoni.**<br>*Eż: inħobb nilgħab, noqgħod niekol, noqgħod nistudja.*<br><br>**Il-Verb fil-kostruzzjoni perfett + imperfett**<br>*Ez: kont immur*<br>*morna niġru*<br><br>**Il-Parteċipju Passiv**<br>Dan it-temp għandu jiġi mgħallem f'kuntest. It-tema tal-ġazzetti u tal-festi joffri diversi opportunitajiet biex dan it-temp jiġi mgħallem minn kuntest kemm fil-forma semitika kif ukoll fil-forma rumanza. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | **Il-Parteċipju Attiv ta' verbi komuni u li jgħinu fil-komunikazzjoni.**<br>*Eż ħiereġ, tiela', nieżel.*<br><br>**In-negattiv fil-kostruzzjoni 'ma + imperfett + x' li jgħinu għall-komunikazzjoni.**<br>*Eż: ma norqodx*<br><br>**In-Negattiv bl-użu ta' mhux**<br>*Eż: mhux hekk, mhux iswed* |
| **20.** | **In-Numri Kardinali minn 1-20**<br>*Eż: wieħed, tnejn , tlieta ... sbatax, tmintax*<br>**Referenza għal numri kardinali komposti**<br>*Eż: tlieta u għoxrin, tmienja u tmenin, mija* | **In-Numri bl-għaxriet u l-eluf**<br>**In-numri żewġ/żewġt sa għaxar/għaxart quddiem nom.**<br>**In-numri minn 11 sa 19 quddiem nom.**<br>*Eż: 11-il siġġu* | **Konsolidazzjoni tan-numri li saru s'issa.**<br>**L-użu ta' erbgħa/erba'/erbat**<br>**sebgħa/seba'/sebat**<br>**disgħa/disa'/disat**<br>Dawn għandhom l-ewwel jiġu pprattikati permezz tat-taħdit qabel ma jiġi spjegat il-punt ortografiku.<br>**Nota: sebgħa/erbgħa/disgħa nużawhom quddiem kelma li mhix nom jew fl-aħħar tas-sentenza.**<br>**seba'/erba'/disa' nużawhom quddiem nom.** |
| **21.** | **In-Numri Ordinali minn 1 sa 10 f'kuntest.**<br>*Eż: L-ewwel, it-tieni, it-tielet ... l-aħħar*<br>*Ġejt l-ewwel fit-tellieqa*<br>*Jien nasal l-iskola l-ewwel.*<br>*Inti tasal l-iskola l-aħħar.* | | Reviżjoni tan-numri ordinali minn 1 sa 10 f'kuntest.<br>**Aktar numri Ordinali f'Kuntest (Dawn jorbtu tajjeb mat-tema tal-Isport)**<br>*Eż: Wasal is-sitt wieħed/waħda*<br>*Wasal il-ħames mitt wieħed*<br>*Jinsab it-tnejn u għaxrin wieħed fil-klassifika.* |